MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 125/2005

Lombard Bank p.l.c.
vs
Melvyn u Jacqueline konjugi Mifsud

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-bank attur li biha ppremetta:

Illi l-bank attur kien ikkonceda lill-konvenuti Melvyn u Jacuqline konjugi Mifsud facilita` ta' overdraft u in forza ta' din il-facilita` l-imsemmija konvenuti kienu ssellfu flus minghand il-bank attur u kellhom debitu bilancjali komplessiv favur l-istess bank attur ta' sbatax-il elf, tmien mija u wiehed u tmenin liri Maltin, u sitta u ghoxrin centezmi (Lm17,881.26) bl-interessi kalkolati sal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) skond statement anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok A oltre imghaxijiet ulterjuri mill-hamsa u ghoxrin (25) ta'

Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) sad-data tal-pagament effettiv;

Illi permezz ta’ zewg skritturi privati li kienu jgibu d-dati tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Marzu tas-sena elfejn (2000) u tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Gunju tas-sena elfejn (2000) li kopji taghhom gew annessi mac-citazzjoni u mmarkati Dok B u Dok C il-konvenuti kienu ggarantew il-hlas lura ta’ dan id-debitu flimkien mal-interessi u spejjez relattivi billi kienu kkostitwew rahan fuq l-ishma kien hemm elenkati fl-imsemmija Dok B u Dok C;

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment skond kopja legali ta’ ittra ufficjali li kienet iggib id-data tat-tmienja (8) ta’ Jannar tal-elfejn u erbgha (2004) annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok D, il-konvenuti kienu baqghu inadempjenti;

Il-bank attur talab lill-Qorti:

1) Tikkundanna lill-konvenuti Melvyn u Jacqueline konjugi Mifsud solidalment sabiex ihallsu lill-bank attur is-somma ta’ sbatax-il elf, tmien mija u wiehed u tmenin liri Maltin, u sitta u ghoxrin centezmi (Lm17,881.26) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-facilita` ta’ overdraft li kellhom mal-istess bank fl-interessi kalkolati sal-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) skond statement annes mac-citazzjoni u mmarkat Dok A oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha inkluzi l-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tat-8 ta’ Jannar 2004 u bl-imghaxijiet legali mill-25 ta’ Jannar 2005 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-bank attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Melvyn Mifsud li biha eccepixxa:

1. Illi l-konvenut kien accetta li l-ammonti pretizi mis-socjeta` attrici kienu dovuti u l-interess principali tieghu fil-prezentata ta' dawn l-eccezzjonijiet kien illi jikkontrolla l-andament tal-kawza in vista tal-eccezzjonijiet prezentati mill-konvenuta martu;

2. Illi l-konvenut kien irriserva li jipprocedi kontra l-konvenuta sabiex jigu indirizzati l-pretensjonijiet tieghu kontra tieghu in konnessjoni ma' dan id-dejn;

3. Illi l-eccipjent kien xtaq iressaq il-provi dwar il-fatt li huwa kien jinsisti mal-konvenuta sabiex il-kontendenti jaqblu dwar il-hlas ta' dan id-dejn u kienet il-konvenuta li kienet ipprecipitat din il-kawza bl-intransigenza taghha. Il-konvenut ghalkemm kien issottometta li kellha tkun il-konvenuta biss li tbati l-ispejjes kollha ta' din l-istanza u certament dawk l-ispejjez kawzati mill-kontestazzjoni agitata mill-eccezzjonijiet taghha.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut Melvyn Mifsud.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta Jacqueline Mifsud kif rapprezentata mill-Avv. Mark M. Busuttil bhala prokuratur taghha li biha eccepiet:

1. Illi preliminarjament il-konvenuta kienet separata ***de facto*** minn mar-ragel taghha u b'hekk ma kenitx ***au courant*** tal-affarijiet finanzjarji, liema nuqqas ta' taghrif kien jippersisti anki meta l-konvenuti kienu qed jghixu flimkien, liema haga kienet se tigi ppruvata u spjegata fil-mori tal-kaz!

2. Illi di piu`, in vista tal-emendi li saru fil-ligi, ma kien jirrizulta ebda firma da parti tal-konvenuta fid-dokumenti esebiti, biex b'hekk il-konvenuta kienet tirriserva d-dritt li tiehu proceduri necessarji fi stadju ulterjuri u skond il-kaz,

bhal ma kienet ghamlet kontra r-ragel taghha, anki ***se mai*** kontra l-istess bank attur!

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li d-dejn in kwistjoni kien jezisti meta l-istess konvenut Melvyn Mifsud kien ghadu ghazeb, kien qed jirrizulta b'mod car li l-bank attur kellu jsus kontra l-istess konvenut Melvyn Mifsud li hu avukat u li evidentement, kien immanuvra jew kien qed jimmanuvra b'tali mod biex idahhal lill-konvenuta fl-obbligi li strettament tieghu imma, pero` fl-istess hin dejjem kien ghamel kemm seta' biex izomm lill-konvenuta fl-ghama, liema haga kienet se tigi ppruvata fil-mori tal-kaz.

4. Illi apparti mis-suespost, il-proceduri kienu vessatorji fejn l-istess bank attur anki kien qed ikun sleali lejn il-fatti u l-verita`, stante li sa fejn kienet taf il-konvenuta, kien hemm bizzejjed biex jaghmel tajjeb ghall-facilita` li l-bank kien ghogbu jaghti, fejn fin-nuqqas jekk kien hemm xi irregolarita` jew nuqqas, jew inkella xi tibdil, il-konvenuta ma kenitx taf u l-bank attur stess kellu:
a. jaghti l-ispjegazzjoni necessarja x'kien gara, kif ukoll;
b. jerfa' l-piz necessarju tar-responsabbilta` tan-nuqqas tieghu; c. bl-ispejjez, liema imgieba skorretta kienet se tigi pruvata waqt it-trattazzjoni tal-kaz!.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi l-konvenut Dr. Melvyn Mifsud fil-kors tal-kawza kkontenda li n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta l-ohra u cioe` Jacqueline Mifsud hija nulla u ghandha tigi sfilzata u dan minhabba li a bazi tal-artikolu 193 tal-Kap 16 ma setghetx issir, kif ukoll peress li l-prokura li bis-sahha taghha giet prezenta n-nota tal-eccezzjonijiet minn Dr. Mark Busuttil kienet nulla ghax mhux konformi ma' l-artikolu 1322 (7) tal-Kap 16. Din hi d-decizjoni fuq dawn il-punti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur.

Xehed Robert Dimech Manager mal-Lombard Bank li qal li l-ammont ghadu dovut, depoziti ma sarux minn mindu nfethet il-kawza, u kienu qed jistennew jew l-ezitu tal-kawza jew li jsiru d-depoziti biex jinghalaq il-kont. Il-kont qieghed tas-Sliema u mhux il-Belt, u ghalhekk ma kienx f'pozizzjoni li jkun jista' jghid jekk effettivament sarux hlasijiet u minn min saru. Kien jaf li Dr. Mifsud kien mar ripetutament jaghmel xi pagamenti pero` kien ghad fadal ammont dovut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Jacqueline Mifsud.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Dr. Melvyn Mifsud.

Xehdet Jacqueline Mifsud li qalet li fis-7 ta' Marzu 2005 kienet qedha Malta. Ikkonfermat li kienet irceviet ic-citazzjoni fit-28 ta' Marzu 2005. Mill-biljett tal-ajru li esebiet jirrizulta li siefret mit-28 ta' Marzu 2005 sat-22 ta' April 2005 u kienet telqet minn Malta fis-7.15 a.m. Hi kienet imsiefra wkoll f'Jannar. Sostniet li ma kellhiex intenzjoni tassumi residenza barra minn Malta u s-safar taghha kien kollu ghal skop ta' btala jew studju. Fl-2006 kienet imsiefra fi Frar. Ma kenitx taf ghaliex ma pprezentatx in-nota ta' eccezzjonijiet taghha. Ma ftakritx jekk qabel siefret kenitx marret il-Qorti biex tipprova tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet, izda dak iz-zmien kien zmien l-Ghid meta r-registru tal-Qorti jkun maghluq. Il-prokura kienet tatha f'Hamis ix-Xirka, qabel ma telqet.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi rrizulta li s-socjeta` attrici ntavolat il-kawza odjerna, stante li s-socjeta` attrici tikkontendi li hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' sbatax-il elf, tmien mija, wiehed u tmenin Lira Maltin, u sitta u ghoxrin centezmu (LM17,881.26), l-ammont dovut ghal self wara li nghataw facilita` ta' ***overdraft***.

Issa l-kwistjoni relevanti ghall-punt sollevat huwa n-nullita` ***o meno*** tan-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta u mhux dik relattiva ghall-atti mertu tal-kaz. Dan ifisser li l-Qorti trid tezamina jekk in-nota ta' eccezzjonijiet li Dr. Busuttil ipprezenta bhala mandatarju ta' Jacqueline Mifsud kenitx legalment valida. Dr. Mifsud jikkontendi li le, izda l-Qorti ma taqbilx ma' dan minhabba li jekk persuna ssiefer hi bilfors trid tiddelega persuna ohra residenti f'Malta biex din tipprezenta atti f'isimha.

Inoltre l-artikoli kkwotati minn Dr. Mifsud u li a bazi taghhom jikkontendi li l-konvenuta l-ohra ma setghetx tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet ma jirreferux ghall-ipprezentar ta' nota ta' eccezzjonijiet. Infatti jkun illogiku li wiehed jaghti interpretazzjoni differenti ghax kieku jasal li l-partijiet ma jistghux qatt jistitwixxu kawza kontra xulxin ghas-separazzjoni personali u konsegwenti divizjoni ta' proprjeta` li solitu jsiru f'kawzi ta' separazzjonijiet jekk wiehed iqis dawn bhala atti ta' amministrazzjoni straordinarja u li jirrikjedu lil konjugi jagixxu flimkien. Jekk wiehed iqis l-intavolar ta' nota ta' eccezzjonijiet bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja dan iwassal ghall-fatt li n-nota ta' Dr. Mifsud stess ukoll tigi nulla minhabba li hu jkun ghamilha wahdu u mhux flimkien mal-konjugi tieghu.

Meta Dr. Mifsud ghamel referenza ghall-artikolu 1322(3) hu kkwota self ta' flus u mhux nota ta' eccezzjonijiet dwar l-istess. Fil-kaz in ezami l-Qorti mhux qed tezamina jekk il-konvenuta u hu setghux jissellfu flus mill-bank izda jekk nota ta' eccezzjonijiet setghetx tigi intavolata. Fil-kaz in ezami l-hatra ta' Dr. Busuttil bhala mandatarju biex jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet m'ghandhiex tigi kunsidrata fid-dawl ta' att ta' amministrazzjoni straordinarja fil-kuntest tal-artikolu 1322(6)(7).

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni sollevata minn Dr. M. Mifsud. Spejjez ta' din l-eccezzjoni kontra Dr. Mifsud.

Tiddifferixxi l-kawza ghad-9 ta' Jannar, 2007 fl-10.00 a.m. biex fiha jinghalqu l-provi tal-partijiet.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------